MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1614/2002

**Public Broadcasting Services Limited**

**Vs**

**Phoenix Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta’ Lulju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1,355.00) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ reklamar rezi lis-socjeta’ konvenuta fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta’ Novembru 2001 u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija ecepiet is-segwenti:-
1. Preliminarjament li l-ammont mhux dovut stante li s-socjeta' konvenuta ma kienetx ghamlet ordni ghar-riklami li taghhom qed jintalab hlas.
2. Minghjar pregudizzju ghas-suespost dejjem irid jigi pruvat ukoll li fil-fatt ir-reklami in kwistjoni saru.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Eric Vella Bonnici, Joe Bonello, u ta' Tommaso Montalto. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kazu tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-pagament tal-ammont ta' Lm1,355.00 dovuti lilha bhala prezz ta' riklami trasmessi minnha fuq il-mezzi tax-xandir taghha fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra ssostni li hija ma kienetx ordnat ir-riklami li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob hlas u li fi kwalsiasi kaz is-socjeta' attrici trid tipprova li fil-fatt ir-riklami gew trasmessi.

Illi jibda biex jinghad li mill-iskeda esebita a fol. 21 et seq. tal-process jirrizulta li effettivament gew trasmessi r-riklami li tagghom is-socjeta' attrici qed titlob pagament. Dawn ir-riklami kienu jirrigwardaw zewg prodotti u cioe' Pirelli Bedding u Freemans of London. Is-socjeta' konvenuta tirribadixxi li n-negozju ta' Pirelli Bedding huwa gestit minn socjeta' bl-isem ta' Channel Company Limited filwaqt li n-negozju ta' Freemans of London huwa gestit mis-socjeta' konvenuta. Din tal-ahhar tghid ukoll li hija qatt ma ordnat ir-riklam tal-Freemans stante li sabiex hija tkun tista' tirriklama kellha bzonn l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' barranija ( vide x-xhieda ta' Tommaso Montalto f'san is-sens).

Illi mill-provi rrizulta li n-negozju ta' dawn iz-zewg socjetajiet appena citati huwa gestit minn certu Tommaso Montalto u li kien huwa li dejjem innegozja mas-socjeta' attrici in kwantu jirrigwarda r-riklamar. Il-fatturi esebiti a fol. 12, 13 u 14 tal-process huma mahruga f'isem is-socjeta' konvenuta u jindikaw li r-riklami jirreferu kemm ghal Freemans kif ukoll ghal Pirelli. Is-socjeta' attrici esebiet ukoll kopji ta' tlett kuntratti (a fol. 16, 17 u 18 fejn l-isem tal-klijent huwa ndikat bhala Tommaso Montalto u fejn il-prodott fuq kuntratt wiehed huwa ndikat bhala Freemans biss ( a fol. 16) u fuq iz-zewg kuntratti l-ohra bhala Freemans u Pirelli. Dawn iz-zewg kuntratti ma gewx iffirmati mill-klijent u cioe' minn Tommaso Montalto. Mix-xhieda ta' Joe Bonello tat-8 ta' Novembru 2002 jirrizulta li Tommaso Montalto kien ta' sikwit jeffetwa pagamenti rigwardanti ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta permezz ta' cheque mahrug minn Channel Company Limited u anki vice versa. Dan il-fatt gie konfermat minn Tommmaso Montalto stess li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2003 xehed li "lil Joe Bonello jiena nafu. Kien hemm okkazjonijiet fejn jiena hallast kontijiet ta' Channel Company Limited bic-cheque book ta' Pheonix Company Limited u li jigri kien li l-fondi jigu trasferiti mill-awditur mill-kumpanija l-ohra." Mill-provi rrizulta wkoll li fit-30 ta' april 2001 gie effetwat pagament akkont tal-prezz tar-riklami trasmessi in kwantu jirrigwarda Freemans u Pirelli.

Fil-fehhma tat-Tribunal Tommaso Montalto, li huwa l-uniku direttur taz-zewg kumpaniji, u cioe' ta' Channel Company Limited u tas-socjeta' konvenuta, permezz tal-agir tieghu ta lis-socjeta' attrici x'tifhem li n-negozju taz-zewg socejtajiet minnu gestiti kien interskambjabbli fis-sens illi meta huwa kien jordna ir-riklami ghal Pirelli jew Freemans huwa kien daqqa jeffetwa pagamenti permezz ta' cheque ta' Channel Comppany Limited u daqqa permezz ta' cheque mahrug mis-socjeta' konvenuta anki meta r-riklami kienu jirrigwardaw in-negozju li suppost kien gestit mis-socjeta' l-ohra. Inoltre jirid jigi rilevat li l-pagament fis-somma ta' Lm600.00  effetwat minn Tommaso Montalto akkont tal-prezz tas-servizzi ta' riklamar li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-bilanc fil-kawza odjerna minghajr ma indika f'isem ta' liema socjeta' kien qed

jefffetwa l-pagament hija indikazzjoni ulterjuri ta’ dak li ghadu kemm inghad,

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’’ attrici rnexxielha tipprova soddisfacentement li s-servizzi ta’ riklamar gew ordnati mis-socjeta’ konvenuta, li dawn ir-riklami gew traswmessi kif  miftiehem u li l-bilanc tal-prezz ta’ dawn ir-rik;ami ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1,355.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru 2001, ghandhom jithallsu nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------